

Kuntratti għad-differenza (CFDs)

Messaġġi ewlenin

- *Is-CFDs huma prodotti kumplessi u mhumiex adattati għall-investituri kollha.*
- *Tużax flus li ma tiflaħx titef. Tista' titef ħafna aktar mill-ewwel pagament tiegħek.*
- *Għandek tikkunsidra biss in-negozju fis-CFDs jekk:*
 - *għandek esperjenza wiesgħa fil-kummerċ ta' swieq volatili,*
 - *tifhem għal kollox kif jaħdmu, inklużi r-riskji u l-ispejjeż kollha involuti,*
 - *tkun konxju li aktar ma jkun kbir l-ingranaġġ, akbar ikun ir-riskju,*
 - *tifhem li l-pożizzjoni tiegħek tista' tingħalaq irrispettivament minn jekk taqbilx jew le mad-deċizzjoni tal-fornitur li jagħlaq il-pożizzjoni tiegħek,*
 - *għandek ħin biżżejjed sabiex tamministra l-investment tiegħek fuq bażi attiva.*

Għaliex qegħdin noħorġu din it-twissija ?

Effett kontinwu tal-kriżi finanzjarja huwa li huwa diffiċli li jinkiseb saħansitra qligħ moderat fuq il-flus. Meta jippruvaw itejbu l-prospetti tagħhom, bosta investituri jikkunsidraw li jinvestu fi prodotti kumplessi li joffru l-opportunità ta' negozju fuq 'ingranaġġ', bħal 'kuntratti għad-differenza' (CFDs).

Minkejja li huma adattati biss għall-klijenti professjonali, jew għal investituri fil-livell tal-konsum b'esperjenza kbira li jifhmu l-prodott, is-CFDs huma rreklamati wkoll għall-klijenti mingħajr esperjenza. Il-qligħ potenzjali jista' jkun irreklammat b'mod li ma jispjegax għal kollox ir-riskji involuti, jew li ma jagħtihomx biżżejjed prominenza.

Il-fornituri tas-CFDs jistgħu joffru "flus b'xejn biex tibda", rigali, miżati mnaqqa, jew sessjonijiet ta'

tagħlim kummerċjali sabiex jattirawk bħala klijent ġdid. Ħafna drabi din hija biss manuvra tas-suq sabiex iħajruk tispekula fis-CFDs. Ftakar ukoll li s-CFDs xi drabi jkunu rreklamati minn entitajiet mhux awtorizzati u mhux irregolati.

Ġeneralment, ix-xiri u l-bejgħ ta' CFDs, b'mod speċjali meta jsir online, ma jkunx akkumpanjat minn pariri dwar l-investment. Dan ifisser li inti, l-investitur fil-livell tal-konsum, tkun responsabbli għad-deċizzjonijiet ta' negozju li tieħu inti stess. Madankollu, fornitur tas-CFDs awtorizzat u rregolat għandu l-ewwel jara li n-negozju fis-CFDs huwa xieraq għalik u li inti konxju mir-riskji involuti. Mhux il-fornituri kollha tas-CFDs jagħmlu dan.

Is-CFDs huma prodotti kumplessi, li ġeneralment jintużaw għal skopijiet ta' spekulazzjoni. Jista' jkun partikolarment diffiċli li tifhimhom.

X'inhu CFD?

CFD huwa ftehim bejn 'xerrej' u 'bejjiegħ' ta' skambju tad-differenza bejn il-prezz attwali ta' assi sottostanti (ishma, muniti, komoditajiet, indiċijiet, eċċ.) u l-prezz tiegħu meta jintemm il-kuntratt.

Is-CFDs huma prodotti ta' ingranaġġ. Joffru espożizzjoni għas-suq waqt li jeħtieġu li inti tqiegħed biss marġni ('depożitu') żgħir tal-valur totali tan-negozju. Jippermettu lill-investituri jieħdu vantaġġ mill-prezzijiet li jkunu qegħdin jitolghu (bit-teħid ta' 'pożizzjonijiet fit-tul') jew prezzijiet li jkunu neżlin (billi wieħed jieħu 'pożizzjoni għal żmien qasir') fuq l-assi sottostanti.

Meta jintemm il-kuntratt inti tirċievi jew tħallas id-differenza bejn il-valur tal-għeluq u l-valur inizjali tas-CFD u/jew l-assi sottostanti. Jekk id-differenza tkun pożittiva, il-fornitur tas-CFD iħallsek. Jekk id-differenza tkun negattiva, inti jkollok tħallas lill-fornitur tas-CFD.

Is-CFDs jistgħu jidhru li jixbHu lil investimenti ewlenin bħall-ishma, iżda huma differenti ħafna peress li inti qatt effettivament ma tixtri jew tippossjedi l-assi sottostanti għas-CFD.

Eżempju ta' kif jaħdem CFD

Inti taħseb li sehem elenkat (Sehem A) huwa sot-tovalutat u li l-prezz tiegħu ser jogħla. Inti tid-deċiedi li tixtri 4000 CFDs f'Sehem A għall-prezz ta' 10€ għal kull CFD. Għaldaqstant il-'pożizzjoni' tiegħek tkun ta' 40000€ (4000 x 10€). Effettivament inti ma tħallasx 40000€: l-ammont li tħallas jiddependi fuq il-marġni meħtieġa mill-fornitur tas-CFD. Jekk il-fornitur tas-CFD jitolbok marġni ta' 5%, pereżempju, dan ifisser li l-ħlas minimu inizjali tiegħek huwa ta' 2000€ (40000€ x 5%). Il-qligħ li tikseb fuq dan il-ħlas inizjali jiddependi fuq il-prezz li fih Sehem A jiġi nnegozjat meta tiddeċiedi li tagħlaq il-pożizzjoni tiegħek (jiġifieri, meta tbigħ is-CFD).

Prezz ta' Sehem A	Qligħ fuq Sehem A	Profitt/telf għall-investitur	Qligħ għall-investitur
7.5€	-25%	-10000€	-500%
9.0€	-10%	-4000€	-200%
9.5€	-5%	-2000€	-100%
9.9€	-1%	-400€	-20%
10.0€	0%	0€	0%
10.1€	1%	400€	20%
10.5€	5%	2000€	100%

Jekk il-prezz ta' Sehem A jonqos b'5% (minn 10€ għal 9.5€), u l-ingranaġġ huwa 20, inti tiflef l-ammont totali (-100%) tal-ħlas tal-marġni inizjali tiegħek, jiġifieri tiflef 2000€. Jekk il-prezz ta' Sehem A jonqos b'10% (minn 10€ għal 9€), u l-ingranaġġ huwa 20, inti tiflef il-ħlas inizjali tiegħek ta' 2000€, u l-fornitur tas-CFD tiegħek jitolbok 2000€ oħra (appell ta' marġni) jekk tixtri iżżomm il-kuntratt tiegħek miftuħ.

Dan ifisser li inti tista' tiflef aktar mill-marġni inizjali ta' ħlas tiegħek.

Spejjeż

Minbarra kull qligħ jew telf, hemm tipi differenti ta' spejjeż marbuta mat-tranżazzjonijiet fis-CFDs. L-ispejjeż jaffettwaw il-qligħ effettiv. Eżempji ta' spejjeż jinkludu kummissjonijiet mitluba mill-fornituri tas-CFDs. Kun af li filwaqt li xi fornituri tas-CFDs jitolbu kummissjoni ġenerali, oħrajn jitolbu kummissjoni fuq kull negozju (jiġifieri meta tibda jew ittemm kuntratt).

L-ispejjeż marbuta man-negozjar fis-CFDs jistgħu jinkludu wkoll firxiet bejn it-talba u l-offerta, spejjeż finanzjarji ta' kuljum jew mil-lum għall-għada, ħlasijiet għall-ġestjoni tal-kont, u taxxi (skont il-ġurisdizzjoni li fiha inti u l-fornitur tas-CFD top-eraw). Dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu kkumplikati biex tikkalkulhom u jistgħu jkunu akbar mill-qligħ gross magħmul minn negozju.

X'inhuma r-riskji ewlenin meta tinvesti f'CFDs ?

Is-CFDs, b'mod speċjali meta jkollhom ingranaġġ kbir (aktar ma jkun għoli l-ingranaġġ tas-CFD, aktar ikun ta' riskju), iġorru livell għoli ta' riskju. Mhumiex prodotti standardizzati. Id-diversi fornituri tas-CFDs ikollhom it-termini, il-kundizzjonijiet u l-ispejjeż proprji. Għalhekk, ġeneralment, mhumiex adattati għall-parti l-kbira tal-investituri fil-livell tal-konsum.

Għandek tikkunsidra biss li tinnegozja fis-CFDs jekk tixtieq tispekula, b'mod speċjali għal żmien qasir, jew jekk tixtieq tkopri skopertura fil-portafoll eżistenti tiegħek, u jekk għandek esperjenza wiesgħa fin-negozju, b'mod partikolari waqt swieq volatili, u tkun tiflaħ tiflef xi flus.

Iż-żmien mhumiex favorik

Is-CFDs mhumiex adattati għan-negozju tat-tip 'ixtri u żomm'. Jistgħu jeħtieġu kontroll kontinwu fuq perjodu ta' żmien qasir (minuti/sigħat/ġranet). Anki li iżomm l-investment tiegħek mil-lum għall-għada jista' jesponik għal riskju akbar u spejjeż addizzjonali.

Il-volatilità tas-suq tal-istokks u swieq oħrajn finanzjarji, flimkien mal-ingranaġġ żejjed fuq l-investment tiegħek, jistgħu jwasslu għal bidliet rapidi fil-pożizzjoni tal-investment globali tiegħek. Tista' tkun meħtieġa azzjoni immedjata biex tamministra l-espożizzjoni għar-riskju tiegħek, jew sabiex tiddepożita marġni addizzjonali.

Għaldaqstant, jekk m'għandekx biżżejjed ħin sabiex tissorvelja l-investment tiegħek fuq bażi regolari, m'għandekx tinnegozja fis-CFDs.

Riskju ta' likwidità

Ir-riskju tal-likwidità jaffettwa l-kapaċità tiegħek li tinnegozja. Dan huwa r-riskju li s-CFD jew l-assi tiegħek ma jkunx jista' jiġi nnegozjat meta tkun trid tinnegozja (sabiex tevita xi telf, jew biex tagħmel xi qligħ).

Barra minn hekk, il-marġni li tkun teħtieġ sabiex iżżomm depożitu mal-fornitur tas-CFD tiġi kkalkulata mill-ġdid kuljum skont il-bidliet fil-valur tal-assi sottostanti tas-CFDs li għandek. Jekk dan il-kalkolu mill-ġdid (rivalorizzazzjoni) jipproduċi tnaqqis fil-valur meta mqabbel mal-valorizzazzjoni fil-jum ta' qabel, tkun teħtieġ li tħallas minnufih flus kontanti lill-fornitur tas-CFD sabiex tirriġenera l-pożizzjoni tal-marġni u tkopri t-telf. Jekk ma tkunx tista' tħallas, il-fornitur tas-CFD jista' jagħlaq il-pożizzjoni tiegħek irrispettivament minn jekk taqbilx jew le ma' din l-azzjoni. Inti jkollok tagħmel tajjeb għat-telf, anki jekk il-prezz tal-assi sottostanti jirkupra sussegwentement. Hemm fornituri tas-CFDs li jillikwidaw kull pożizzjoni ta' CFD tiegħek jekk ma jkollokx il-marġni meħtieġa, anki jekk xi waħda minn dawn il-pożizzjonijiet tkun qiegħda tagħmillek qligħ f'dan l-istadju.

Biex iżżomm il-pożizzjoni tiegħek miftuħa, jista' jkollok taċċetta li tippermetti lill-fornitur tas-CFD li jieħu pagamenti addizzjonali (normalment mill-karta ta' kreditu tiegħek), fid-diskrezzjoni tiegħu, meta jkun meħtieġ sabiex tissodisfa l-appelli tal-marġni rilevanti. F'suq volatili mgħaġġel, inti tista' faċilment ittella' kont ta' kreditu kbir b'dan il-mod.

Riskju ta' ingranaġġ

Negozju ingranat ifisser li l-profitti potenzjali jkunu mkabbara; ifisser ukoll li anki t-telf ikun imkabbar.

Aktar ma l-marġni mitluba tkun baxxa, aktar ikun kbir ir-riskju ta' telf potenzjali jekk is-suq jiċċaqlaq kontrik. Xi drabi l-marġnijiet meħtieġa jistgħu jkunu ta' ammont żgħir ta' 0.5%. Kun af li meta tinnegozja permezz tal-marġni, it-telf tiegħek jista' jaqbeż il-ħlas inizjali tiegħek u jista' jkun li tiflef ħafna aktar flus minn kemm tkun investejt inizjalment.

Limiti tal-‘Waqfien mit-telf’

Biex jillimitaw it-telf bosta fornituri tas-CFDs jof-frulek l-opportunità li tagħżel limiti ta’ waqfien mit-telf. Dan awtomatikament jagħlaq il-pożizzjoni tiegħek meta din tilħaq limitu ta’ prezz tal-għażla tiegħek. Hemm ċerti ċirkostanzi fejn limitu ta’ waqfien mit-telf ma jkollux effett - pereżempju, meta jkun hemm ċaqliq rapidu tal-prezzijiet, jew meta jagħlaq is-suq. Il-limiti tal-waqfien mit-telf mhux dejjem jistgħu jipproteġuk mit-telf.

Riskju ta’ eżekuzzjoni

Ir-riskju ta’ eżekuzzjoni huwa assoċjat mal-fatt li n-negozjar jista’ ma jseħħx minnufih. Pereżempju, jista’ jkun hemm perjodu ta’ żmien bejn il-mument li tagħmel l-ordni tiegħek u l-mument li jiġi eżegwit. F’dan il-perjodu, is-suq jista’ jkun diġà ċaqlaq kontrik. Jiġiferi, l-ordni tiegħek ma tiġix eżegwita fil-prezz li tkun ippretendjt.

Ċerti fornituri tas-CFDs iħalluk tinnegozja anki meta s-suq ikun magħluq. Kun af li l-prezzijiet għal dan it-tip ta’ negozju jistgħu jkunu ferm differenti mill-prezz tal-għeluq tal-assi sottostanti. F’bosta każijiet il-firxa tista’ tkun usa’ minn kemm tkun meta s-suq ikun miftuħ.

Riskju tal-kontroparti

Ir-riskju tal-kontroparti huwa r-riskju li l-fornitur li joħroġ is-CFD (jiġiferi l-kontroparti tiegħek) isir inadempjenti u ma jkunx jista’ jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu. Jekk il-fondi tiegħek ma jkunux segregati kif xieraq mill-fondi tal-fornitur tas-CFDs, u l-fornitur tas-CFD isib ruħu f’diffikultajiet finan-

zjarji, ikun hemm ir-riskju li tista’ ma tingħatax lura l-flus li jkunu dovuti lilek.

X’tista’ tagħmel sabiex tiproteġi lilek innifsek ?

Qabel tieħu kwalunkwe deċiżjoni ta’ negozju għandek taqra sew il-ftehim jew il-kuntratt tiegħek mal-fornitur tas-CFDs.

Għandek tkun żgur li tifhem mill-inqas dan li ġej:

- l-ispejjeż tan-negozjar fis-CFDs mal-fornitur tas-CFD,
- jekk il-fornitur tas-CFDs jiżvelax il-marġnijiet li jagħmel fuq in-negozju tiegħek,
- kif il-fornitur tas-CFDs jiddetermina l-prezzijiet tas-CFDs,
- x’jiġri jekk iżżomm il-pożizzjoni tiegħek miftuħa mil-lum għall-għada,
- jekk il-fornitur tas-CFDs jistax jibdel jew jikkwota mill-ġdid il-prezz ladarba tkun għamilt l-ordni tiegħek,
- jekk il-fornitur tas-CFDs iwettaqx l-ordnijiet tieghek anki jekk is-suq sottostanti jkun maghluq,
- jekk hemmx stabbilita xi skema ta’ protezzjoni tal-investitur jew tad-depożitu f’każ ta’ kwistjonijiet li jirrigwardaw l-assi tal-kontroparti jew tal-kljent.

Jekk ma tifhimx x’qed jiġi offrut, tinnegozjax.

Tagħrif ieħor

Dejjem iċċekkja jekk il-fornitur tas-CFDs huwiex awtorizzat li jagħmel negozju tal-investment fil-pajjiż tiegħek. Tista’ tiċċekkja dan fuq is-sit elettroniku tar-regolatur nazzjonali tal-fornitur tas-CFDs.

Lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha, u s-siti elettroniċi tagħhom, hija disponibbli wkoll fuq:

- is-sit elettroniku tal-ESMA fuq <http://www.esma.europa.eu/investor-corner>
- is-sit elettroniku tal-EBA fuq <http://www.eba.europa.eu/Publications/Consumer-Protection-Issues.aspx>